# L-GHOLJA

*Son della terra faticosa i figli*
*Che armati salgon le ideali cime.*
*Carducci* CA IRA.

Telgħin,
Bla serħ, bla nifs, bla saħħa,
Fuq wiċċhom l-għejja ta' min qed ibati,
Ta' min għax ħabb u għaliex ġarrab bosta
Fid-dinja biss hu ħati.
Qalila, mwiegħra l-għolja
Miżgħuda ħofor, minsuġin bl-għollieq,
Mimlija siġar kbar, koroh u suwed
Li jarmu waħx u dieq.
Jidrob il-blat fejn jirfsu waqt il-mixi,
Jimla riġlejhom bit-tbenġil u d-dmija,
Jidħol f'ġisimhom, iqattagħhom,
F'agonija t'uġigħ u ta' tbatija.
Jinżel fuq xbinhom l-għaraq għal fuq wiċċhom,
Uċuh magħluba sħiħ u safranin
Bis-sfura kiebja u tagħfaslek qalbek
Li tidher fil-mejtin.
Qalila, mwiegħra l-għolja
'Ma huma miexja lkoll it-telgħa tagħha,
Bla serħ, bla nifs, bla saħħa.
Telgħin.
Joħorġu l-lpup u dbieb minn qalb is-siġar,
Joqtluhom, ibiċċruhom
U fuq il-blat tal-għolja jitilquhom;
Oħrajn uħux tal-biża' dlonk jaqbduhom
U lilhom jagħ'lqu ġo għerien mudlama
Fejn tmut għal dejjem tal-Ħelsien kull tama.
X'jimporta!
Oħrajn ikomplu t-triq li qabdu huma
U meta t-tmiem ukoll fl-aħħar jaslilhom
B'idhom 'il fuq, mixħuta fl-art, mifnija:
Lil sħabhom juru t-triq li għad fadlilhom.
U tielgħa, tielgħa, tielgħa,
Bir-rieda mħeġġa ta' rikkieb f'tiġrija
Li jara l-bhima tiegħu għadha lura
U ta' l-oħrajn bikrija.
Hemm bħal qawwa moħbija ġewwa demmhom
Li tmexxihom, tlebbithom, terfagħhom
Sabiex jaslu sa fl-aħħar u jirbħu
L-imdawla quċċata
Tal-Idijali tagħhom.

ĠORĠ PISANI

# EDUKAZZJONI NISRANIJA

Għalkemm il-progress materjali f'dawn l-aħħar snin mexa 'l quddiem b'passi mill-akbar, l-hena għadu mhux isaltan f'qalb il-bniedem, u r-regħba u l-kburija għadhom jaħkmuha. Hi meħtieġa u mitluba bidla, imma din ma tit-wettaqx qabel ma l-bniedem jagħżel triq oħra minn dik li mexa fiha s'issa u jagħraf lil Kristu bħala s-Sultan waħdani tiegħu.

Bosta kienu dawk li għomja wara t-tagħlim ta' Rousseau u oħrajn bħalu, raw jixref fuq ix-xefaq tal-ħsieb tagħhom, il-bniedem-bhima, li jista' jsir bniedem-alla,—biżżejjed għa-lih in-nifsu. Imbagħdin minn kull Tagħlim Nisrani, għaj-nejhom tgħammxu għal din id-dehra ta' frugħa u bdew ixandru t-tagħlim ħajjen ta' Nietzsche li mhux imsejjes għajr fuq il-qawwa tal-bniedem. Is-semm tnissel u biż-żmien beda jagħti l-frott. Il-Ħruxija qiegħda ssaltan, Sidt ta' għadd bla qies ta' bnedmin.

B'dana kollu l-bniedem għadu jista' jinfeda u jerġa' jersaq qrib dak il-hena li fil-bluha tiegħu tbiegħed minnu. Iżda sabiex dan jitwettaq jeħtieġ li l-ewwelnett issir bidla fit-tagħlim, u l-aktar taż-żgħażagħ, ħalli dawna, imħarrġin kif inhu xieraq, ikunu jafu jagħżlu t-triq li twassalhom għas-sewwa.

Kristu hu s-sies ta' kull tagħlim tajjeb, għalhekk l-edukazzjoni jeħtiġilha tieħu bixra nisranija, fl-irqaqat tagħ-ha kollha; b'hekk, flok ir-regħba tibda ssaltan il-qalb tajba, flok il-ħruxija, il-ħniena. Kif naraw mill-ġrajja li qegħdin jitwettqu fid-dinja, jekk il-bniedem ma jiġix imħarreġ sa minn ċkunitu f'tagħlim ta' mħabba, ma jsibhiex bi tqila li jitbiegħed mit-triq tas-Sewwa, jagħtiha għall-frugħa, u jagħ-ma wara l-Qawwa li fl-aħħar tjassru u tagħmlu jixbah aktar lill-bhima milli lil Alla, li ħolqu xbieha tiegħu.

Mela b"edukazzjoni" ma għandniex nifhmu tagħlim biss u xejn aktar, imma bini ta' karattru, jiġifieri, il-bnie-dem għandu jiġi mħarreġ f'dawk id-drawwiet tajba li fil-għaqda tagħhom, imbagħad jagħżlu bniedem minn ieħor.

F'dak li għandu x'jaqsam ma' l-edukazzjoni, hu dmirna li nħarsu l-bogħod u nagħarfu sewwa x'inhu l-għan tal-ħajja. Aħna ngħixu għal Alla, u għalhekk il-bniedem għandu jinqeda bil-qawwiet u l-ġibdiet tiegħu kollha, bħala għodda li bihom jilħaq l-għan aħħari tiegħu, 'l Alla.